**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 500/99**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Angelo Baldacchino)**

**vs**

**Francis k/a Frankie Figallo ta' 49 sena, iben Alfred**
**u Helen nee Paretti, mwieled Bormla,**
**fil-11/06/1999, u residenti 104, Oratory**
**Street, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 558050 (M).**

**Illum 17 ta' April, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Francis k/a Frankie Figallo li gie akkuzat talli gewwa Bormla u bejn l-20 ta' Marzu, 1993 u t-22 ta' Dicembru, 1997, bhala l-propjetarju jew konsumatur tal-fond Frank's Photography Shop fuq San Pawl Area Bormla, u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' Lm 110.26,0 ghad-dannu

tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termini tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni liema hsara tammonta ghas-somma ta' Lm4.00 bi ksur ta' l-artikolu 326 (f) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi kif ben irrizulta mill-provi l-meter fil-fond mertu ta' din l-akkuza instab imbaghbas kif fil-fatt jirrizulta mill-atti ta' l-inkjesta.

Irrizulta wkoll mill-istess atti illi l-meter in kwistjoni kien registrat fuq Alfred Figollo, missier l-akkuzat.

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess akkuzat li hu, kien ikun fil-fond "f'hinijiet parikolari". Il-fond kien jintuza bhala photo studio. Min-naha tieghu Figallo Frankie l-akkuzat xehed li bhala xoghol huwa kien jahdem ta' teacher u kien jinzel fil-fond in kwistjoni meta ma kienx ikun xoghol. Xehed ukoll li missieru kien dejjem ihallas il-kontijiet tad-dawl b'mod regolari. Zied l-akkuzat li meta saret l-inspection mill-impjegati tal-Enemalta, missieru cioe, r-registered consumer allura, kien ghadu jiftah il-hanut hu. Zied li fil-fatt dakinhar ta' l-inspection missieru kien ukoll nizel il-hanut, qal ukoll li l-hanut kien ilu f'idejn missieru ghal snin twal minn wara l-gwerra.

Ikkonsidrat

Illi l-artikolu 264 tal-Kap 9 jistabilixxi x-shift tal- onus tal-prova, dejjem sal-grad tal-probabilita' fuq l-akkuzat. Jistabilixxi wkoll ir-responsabilita' kriminali fir-reat in dizamina taqa' fuq l-okkupant tal-fond jew fuq il-persuna li ghandha l-kontroll tal-fond.

L-akkuza in dizamina titkellem fuq is-sena 1993 sas-sena 1997. Mela jinhtieg biex tissussisti din l-akkuza li jirrizulta li fil-fatt l-akkuzat jew kien l-okkupant jew il-bniedem li kellu l-kontroll effettiv ta' l-istess sit.

Gie stabbilit li ghalkemm l-akkuzat kien jinzel fil-hanut pero' l-meter ma kienx registrat fuq ismu, oltre hekk l-akkuzat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li hanut setgha kien ghadu gestit minn missieru sa xi zmien bejn id-data ta' l-akkuza. Ghaldaqstant in kwantu ma giex

sufficjentement stabbilit jekk l-akkuzat kienx l-okkupant jew kienx il-bniedem li kellu l-kontroll effettiv tal-fond qed tilliberah mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.